

Brussell, 30 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7767/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0091(NLE)

FISC 88
ECOFIN 292

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 136 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja sabiex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 136 final.

Mehmuż: COM(2022) 136 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.3.2022
COM(2022) 136 final

2022/0091 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja sabiex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹ (minn hawn 'il quddiem, "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, huwa u jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jiġu evitati ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-5 ta' Awwissu 2021, ir-Repubblika tal-Polonja talbet awtorizzazzjoni biex tidderoga mill-Artikoli 218, 226 u 232 tad-Direttiva tal-VAT biex tkun tista' timponi l-fatturazzjoni elettronika obligatorja.

Barra minn hekk, permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fid-9 ta' Frar 2022, il-Polonja mmodifikat it-talba tagħha. Għaldaqstant, il-Polonja titlob l-awtorizzazzjoni biex tidderoga biss mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva tal-VAT u tispeċifika li l-fatturazzjoni elettronika obligatorja tapplika biss għall-persuni taxxabli stabbiliti fit-territorju tal-Polonja.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Polonja permezz ta' ittra datata l-21 ta' Ottubru 2021. Permezz tal-ittra datata t-22 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lil Polonja li hija kellha l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex tikkunsidra t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Polonja ressqet talba għal deroga bbażata fuq l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT li trid tiġi awtorizzata biex timplimenta obbligu sabiex jinħarġu fatturi elettroniċi, ipproċessati permezz ta' Sistema ta' e-Fatturazzjoni Nazzjonali (KSeF), għat-tranżazzjonijiet kollha li jeħtieġu l-ħruġ ta' fattura skont il-leġiżlazzjoni tal-VAT Pollakka. Permezz tal-ittra datata t-8 ta' Frar 2022, l-ambitu tal-miżura speċjali kien limitat għal persuni taxxabli stabbiliti fit-territorju tal-Polonja.

Barra minn hekk, il-persuni taxxabli se jkollhom jittrażmettu lill-KSeF informazzjoni speċifika dwar ċerti tranżazzjonijiet li ma għandhomx bżonn jiġu dokumentati b'fatturi maħruġa f'konformità mar-regoli tal-VAT tal-Polonja, bħal akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti u provvediment transfruntier ta' servizzi. Peress li dawn it-tranżazzjonijiet ma jeħtieġux il-ħruġ ta' fattura skont il-leġiżlazzjoni tal-VAT Pollakka, dan l-obbligu tal-aħħar ma jinvolvi deroga mid-Direttiva tal-VAT.

Il-Polonja tqis li l-introduzzjoni ta' obbligu ġeneralizzat li jinħarġu fatturi elettroniċi għib benefiċċji sinifikanti f'termini tal-ġlieda kontra l-frodi u kontra l-evażjoni tal-VAT filwaqt li tissimplifika l-ġbir tat-taxxi. L-implimentazzjoni tal-miżura se taċċellera d-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku. Din se tgħin ukoll biex tiżdied l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi għall-persuni taxxabli, u b'hekk tiġi ssimplifikata l-konformità mal-obbligi tat-taxxa. Pereżempju, l-informazzjoni miksuba permezz ta' e-fatturazzjoni se tippermetti l-mili minn qabel tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u d-dikjarazzjonijiet rikapitolattivi, u r-rifużjonijiet tal-VAT aċċellerati.

L-Artikolu 218 tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi obbligu għall-Istati Membri li jaċċettaw id-dokumenti jew il-messaġġi kollha kemm f'forma fuq karta kif ukoll f'forma elettronika bħala

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

fatturi. Għalhekk, il-Polonja tixtieq tikseb deroga mill-Artikolu msemmi hawn fuq tad-Direttiva tal-VAT sabiex id-dokumenti f'forma elettronika biss ikunu jistgħu jitqiesu bħala fatturi mill-awtorità tat-taxxa Pollakka.

L-Artikolu 232 tad-Direttiva tal-VAT jeħtieġ li l-użu ta' fattura elettronika għandu jkun soġġett għall-aċċettazzjoni mir-riċevitur. Għalhekk, l-introduzzjoni ta' obbligu ta' fatturazzjoni elettronika fil-Polonja teħtieġ deroga minn dan l-Artikolu sabiex l-emittent ma jibqax ikollu għalfejn jikseb il-kunsens tar-riċevitur sabiex jibgħat fattura f'format mhux fuq karta.

Il-Polonja tqis li e-fatturazzjoni elettronika obligatorja, flimkien mat-trażmissjoni ta' *data* addizzjonali dwar it-tranżazzjonijiet, se ttejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet analitiċi tal-awtorità tat-taxxa. Din se twassal għal prevenzjoni u identifikazzjoni aktar effettivi ta' irregolaritajiet, li se jgħinu fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT. B'mod partikolari, din se tippermetti lill-awtorità tat-taxxa Pollakka tivverifika b'mod awtomatiku il-konsistenza bejn il-VAT iddikjarata u dik imħallsa. Din se tippermetti wkoll verifika aktar faċli u aktar akkurata tat-talbiet għal rifużjoni tal-VAT sottomessi mill-kontribwenti. Barra min hekk, din se tikkomplementa miżuri oħrajn introdotti mill-Polonja biex tiġġieled il-frodi u l-evażjoni tal-VAT u biex tiġi mmodernizzata s-sistema tal-VAT, bħall-Fajl tal-Awditjar Uniku għall-finijiet tal-VAT, il-mekkaniżmu ta' pagament maqsum, is-sistema għall-analiżi elettronika tal-flussi finanzjarji (STIR) jew is-sistema ta' reġistrazzjoni tal-flus fiskali online għall-monitoraġġ tas-settur tal-bejgħ bl-imnut.

L-obbligu ta' fatturazzjoni elettronika se jkopri t-tranżazzjonijiet kollha mwettqa minn persuni taxxabli stabbiliti fit-territorju tal-Polonja li bħalissa jeħtieġu l-ħruġ ta' fattura f'konformità mal-Att Pollak dwar il-VAT². Barra minn hekk, informazzjoni speċifika dwar ċerti tranżazzjonijiet li ma jeħtiġux il-ħruġ ta' fattura se tiġi trażmessa lill-KSeF. Dan huwa l-każ ta' akkwisti intra-Komunitarji ta' merkanzija u provvisti transfruntiera ta' servizzi, fejn l-akkwiredent jew ir-riċevitur tas-servizz huma dawk obligati li jħallsu l-VAT fil-Polonja. Peress li dawn it-tranżazzjonijiet ma jeħtiġux il-ħruġ ta' fattura skont il-leġiżlazzjoni tal-VAT Pollakka, dan l-obbligu tal-aħħar ma jinvolvi deroga mid-Direttiva tal-VAT. It-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni se tippermetti t-tnejn ta' dikjarazzjonijiet tal-VAT u dikjarazzjonijiet rikapitolattivi mimlija minn qabel.

L-obbligu li jinħarġu fatturi elettroniċi li jużaw il-KSeF se japplika għall-kontribwenti kollha, stabbiliti fit-territorju tal-Polonja, li jwettqu attivitajiet li jeħtieġu l-ħruġ ta' fattura f'dak it-territorju skont ir-regoli tal-VAT tal-Polonja. Dan jinkludi persuni taxxabli li jibbenefikaw mill-eżenzjoni għal intrapriżi żgħar imsemmija fl-Artikolu 282 tad-Direttiva tal-VAT. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-mudell obligatorju ta' e-fatturazzjoni la se taffettwa lill-kontribwenti barranin li ma humiex obligati li jirreġistraw għall-VAT fil-Polonja b'rabta mat-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji tagħhom u provvisti transfruntiera ta' servizzi u lanqas lill-kontribwenti reġistrati għall-VAT fil-Polonja iżda mhux stabbiliti fit-territorju tagħha. Lanqas ma hija se taffettwa, f'dawk il-każijiet, id-dritt tal-klijenti li jirċievu fatturi fuq karta.

Il-persuni taxxabli se jkunu jistgħu joħorġu u jagħmlu disponibbli fatturi elettroniċi strutturati bl-użu tal-KSeF. Għal dan il-għan, il-Ministeru tal-Finanzi tal-Polonja se joffri diversi għodod bla ħlas: l-applikazzjoni online "e-Mikrofirma", aċċessibbli permezz ta' smartphone u formola tal-web għal kwalunkwe kontribwent illoggjat fuq e-Urząd (e-Office)³.

² L-Att tal-11 ta' Marzu 2004 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Il-Ġurnal Pollakk tal-Liġijiet tal-2021 punt 685, kif emendat).

³ Sistema ċentralizzata li, skont il-Polonja, tagħmel possibbli li t-taxxi jiġu saldati online b'mod komprensiv. e-Urząd huwa proġett li se jipprovi lill-kontribwenti b'għodod online li se jagħmluha

In-negozji se jkunu jistgħu wkoll jipproduċu fatturi elettroniċi strutturati fis-software finanzjarju u kontabilistiku tagħhom u jibagħtuhom lill-KSeF permezz ta' interfaċċa għall-programmi tal-applikazzjonijiet, wara l-awtorizzazzjoni rilevanti. Għal dan il-għan, se jkun meħtieġ biss għall-kontribwenti jew għal persuna awtorizzata minnhom li jawtentikaw lilhom infushom bl-użu ta' wieħed mill-mezzi disponibbli għall-pubbliku.

Il-fatturi elettroniċi se jkunu jeħtieġu li jiġu vvalidati mill-KSeF. Ladarba tiġi vvalidata, il-fattura elektronika titqies li tkun ġiet riċevuta u tkun disponibbli b'mod awtomatiku għar-riċevitur biex jaqra jew iniżżel. Fil-każ ta' ħsara tas-sistema KSeF, se jidher messaġġ dwar in-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema fuq is-sit web. Hija prevista proċedura ta' emerġenza għal dawn il-każijiet, biex jiġi żgurat l-ipproċessar bla xkiel tal-fatturi mill-kontribwenti. Għal dan il-għan, in-negozji se jkunu jistgħu jgħidgħu fatturi fis-software kontabilistiku tagħhom stess.

Il-Polonja tqis li din il-miżura se toffri benefiċċji għall-persuni taxxabli, bħal servizz ta' ħżin u arkivjar ta' fatturi pprovdut mill-amministrazzjoni, l-eliminazzjoni tal-ħtieġa li jiġu stampati l-fatturi u li jiddaħħlu manwalment f'sistemi kontabilistiċi, l-impossibbiltà li l-fatturi jintilfu, l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi kontabilistiċi u s-simplifikazzjoni tal-obbligi tat-taxxa u r-rapportar.

Sabiex jiġi minimizzat l-impatt tal-miżura fuq il-persuni taxxabli u sabiex dawn ikunu jistgħu jadattaw mingħajr xkiel għar-reġim obligatorju, il-Polonja implimentat mudell ta' e-fatturazzjoni volontarju, fejn l-aċċettazzjoni tal-użu tal-fattura elektronika mir-riċevitur għadha meħtieġa, u dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022. Qabel dan, minn Ottubru 2021, programm pilota ta' e-fatturazzjoni ppermetta testijiet tas-sistema ma' intraprendituri.

Minħabba l-ambitu wiesa' tad-deroga, huwa importanti li jiġi żgurat is-segwitu meħtieġ fil-qafas ta' din id-deroga. B'mod partikolari l-impatt tal-miżura fuq il-ġlieda kontra l-frodi u l-evazzjoni tal-VAT u fuq il-persuni taxxabli. Jekk il-Polonja tkun tixtieq testendi l-miżura ta' deroga, hija mitluba tipprovdi rapport dwar il-funzjonament tal-miżura flimkien mat-talba ta' estensjoni tad-data ta' skadenza. F'dan ir-rapport, jenħtieġ li ssir valutazzjoni tal-miżura dwar l-effettività tagħha fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evazzjoni tal-VAT u fis-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxa. Ir-rapport jenħtieġ li jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-miżura fuq il-persuni taxxabli u, b'mod partikolari, għal dak li għandu x'jaqsam maż-żieda tal-piżijiet amministrattivi u tal-kostijiet ta' konformità tagħhom.

Qiegħed jiġi propost li tingħata awtorizzazzjoni għad-deroga mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2026.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 218 tad-Direttiva tal-VAT ipoġġi fl-istess livell il-fatturi fuq karta u dawk elettroniċi billi jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jaċċettaw dokumenti jew messaġġi fuq karta jew f'forma elektronika bħala fatturi. Skont l-Artikolu 232 tad-Direttiva tal-VAT, l-użu ta' fattura elektronika għandu jkun soġġett għall-aċċettazzjoni mir-riċevitur. Il-fatturazzjoni elektronika obligatorja kif prevista mill-Polonja tassew tidderoga minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet.

Id-deroga tista' tiġi awtorizzata fuq il-bażi tal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jiġu evitati ċerti forom ta' evazzjoni jew ta' evitar tat-taxxa. Il-Polonja talbet il-miżura ta' deroga sabiex tiġġieled kontra l-frodi u l-evazzjoni tat-taxxa, kif ukoll sabiex tissimplifika l-ġbir tat-taxxa. Abbażi tal-elementi li pprovdiet il-Polonja, id-deroga hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika.

aktar faċli biex jiġu ssodisfati l-obbligi tat-taxxa, inkluż il-ħlas tat-taxxi, permezz ta' servizz ta' ħlas elettroniku online.

Awtorizzazzjonijiet simili li jippermettu lill-Italja u lil Franza jidderogaw mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva tal-VAT sabiex jimplementaw fatturazzjoni elettronika obligatorja, ingħataw bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/593⁴ u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/133⁵.

Fl-aħħar nett, fl-2020, il-Kummissjoni adottat il-*“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru”*⁶. Waħda mill-azzjonijiet previsti f'dan il-pjan ta' azzjoni hija l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta leġiżlattiva mmirata lejn il-modernizzazzjoni tal-obbligi ta' rapportar tal-VAT. Kif indikat fil-Pjan ta' Azzjoni, din il-proposta jenħteġ li, fost l-oħrajn, tgħin biex jiġu ssimplifikati l-mekkaniżmi ta' rapportar li jistgħu jiġu applikati għat-tranżazzjonijiet domestiċi. Il-ħtieġa li l-e-fatturazzjoni tiġi estiża aktar se tiġi eżaminata wkoll f'dan il-kuntest. Għalhekk, id-deroga mitluba mill-Polonja hija allinjata mal-oġġettivi segwiti mill-Kummissjoni kif stipulat fil-Pjan ta' Azzjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Fid-dawl tad-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Il-fatturazzjoni elettronika obligatorja se tinvolvi għadd ta' bidliet għall-persuni taxxabli. Biex tgħin hom ilaħħqu mas-sitwazzjoni, il-Polonja stabbiliet mudell ta' fatturazzjoni elettronika volontarju mill-1 ta' Jannar 2022, preċedent minn proġamm pilota ta' e-fatturazzjoni li jippermetti l-ittestjar tas-sistema mal-intraprendituri. Barra minn hekk, il-Polonja se ttiprovdi għodod bla ħlas biex ikun hemm konformità mal-obbligu tal-fatturazzjoni elettronika u l-Ministeru tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tad-Dħul (NRA) se jagħmel kampanja ta' informazzjoni estensiva biex il-kontribwenti jsiru familjari mar-regoli l-ġodda tal-fatturazzjoni tal-VAT.

Il-persuni taxxabli li jibbenefikaw mill-eżenzjoni għal intrapriżi zġhar imsemmija fl-Artikolu 282 tad-Direttiva tal-VAT huma inklużi fl-ambitu tal-miżura. Il-Polonja tqis li din l-inklużjoni hija ġġustifikata sabiex jiġu evitati l-evażjoni jew l-evitar tal-VAT. L-awtoritajiet tal-Polonja identifkawk irregolaritajiet fl-applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-VAT għan-negożji zġhar billi ma rrapportawx it-tranżazzjonijiet kollha mwettqa u bil-qsim artifiċjali tal-attivitajiet tan-negożju sabiex jibqgħu taħt il-livell limitu.

⁴ ĠU L 99, 19.4.2018, p. 14.

⁵ ĠU L 20, 31.1.2022, p. 272.

⁶ https://ec.europa.eu/taxation_customs/system/files/2020-07/2020_tax_package_tax_action_plan_en.pdf

Barra minn hekk, l-analiżi mwettqa mill-NRA juru li l-biċċa kbira tal-frodi b'negozjant nieqes⁷ u l-frodi mwettqa permezz ta' fatturi foloz huma ġġenerati minn negozji li jappartjenu għall-grupp ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Billi l-fatturazzjoni elettronika ssir obligatorja għal tali negozji, se tippermetti monitoraġġ u identifikazzjoni aktar effettivi ta' tali irregolaritajiet.

Il-Polonja tqis li l-ħidma preparatorja mwettqa permezz tal-mudell ta' fatturazzjoni elettronika volontarju u l-għodod li se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom biex jikkonformaw mal-obbligu, flimkien mal-vantaġġi u mal-benefiċċji derivati mill-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika, se jassorbu fil-biċċa l-kbira, l-investimenti li l-intrapriżi żgħar se jkollhom iġarrbu biex jadattaw is-sistemi tagħhom. Dawn l-investimenti mhux se jkunu sinifikanti fi kwalunkwe każ, skont l-istimi tal-awtoritajiet tal-Polonja.

Id-deroga hija wkoll limitata fiż-żmien u għandu jitħejja rapport dwar il-funzjonament u l-effettività tal-miżura f'każ li l-Polonja tkun tixtieq itawwal il-miżura ta' deroga.

Għalhekk, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri li tiġi miġġielda l-evazzjoni tat-taxxa u li jiġi ssimplifikat il-ġbir tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

Strument propost: Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT tista' tingħata biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq minħabba li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-fatturazzjoni elettronika obligatorja se jkollha impatt kemm fuq l-awtorità tat-taxxa kif ukoll fuq il-persuni taxxabbli.

Il-Polonja tistenna li l-fatturazzjoni elettronika obligatorja se tgħin biex issaħħaħ u timmodernizza s-sistema tal-VAT tal-Polonja biex tagħmilha aktar reżistenti għall-frodi u għal irregolaritajiet oħrajn. Se tawtomatizza u tipprovdi aċċess aktar mgħaġġel għal firxa usa' ta' *data*, filwaqt li ttejjeb l-attivitajiet analitiċi tal-awtorità tat-taxxa. Il-Polona tistma li se tikkontribwixxi għal żieda fl-introjtu għall-baġit ta' madwar PLN 1,8 biljun fis-sena. Dan l-introjtu addizzjonali se jinkiseb mit-tnaqqis tal-frodi tal-VAT tat-tip ta' negozjant nieqes kif ukoll mit-tnaqqis ta' rifiżjonijiet tal-VAT mhux ġustifikati. Il-Polonja tqis li dawn huma stimi konservattivi li ma jqsux l-introjtu potenzjali li jirriżulta mill-kontribuzzjoni tal-KSeF għad-detezzjoni ta' irregolaritajiet oħra relatati mal-VAT, bħas-sottorappurtar tal-bejgħ bl-imnut u ż-żieda fil-ġbir tat-taxxi fuq l-introjtu.

L-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika obligatorja ġeneralizzata se tiġġenera kostijiet għall-baġit tal-istat relatati mal-ħolqien u mal-manutenzjoni tas-sistema, kif ukoll l-

⁷ Il-frodi b'negozjant nieqes huwa tip ta' frodi tal-VAT fejn in-negozjanti jbigħu merkanzija jew ifornu servizzi, jiġbru l-VAT mingħand il-konsumaturi tagħhom u sussegwentement jisparixxu bla ma jħallsu l-VAT miġbura mingħand il-konsumaturi tagħhom lill-awtoritajiet tat-taxxa.

infrastruttura meħtieġa għall-ħżin tal-fatturi u ż-żieda gradwali fil-kapaċità analitika minħabba l-bażi tad-*data* li tikber suċċessivament. Il-Polonja tistma li l-ispejjeż relatati mal-introduzzjoni u mal-manutenzjoni tal-KSeF fis-snin 2021-2026 se jammontaw għal madwar PLN 161,2 miljun.

Il-persuni taxxabli se jġarrbu spejjeż bħala riżultat tal-introduzzjoni ta' fatturazzjoni elettronika obligatorja, prinċipalment relatati mal-ħtieġa li jadattaw is-sistemi kontabilistiċi tagħhom. Madankollu, il-kost tal-ħruġ ta' fattura bl-użu tal-KSeF se jkun baxx ħafna, ħafna anqas milli f'format fuq karta. Sabiex jittaffew dawn il-kostijiet, il-Ministeru tal-Finanzi tal-Polonja se jipprovi għodod bla ħlas sabiex jinħarġu u jiġu pproċessati fatturi elettroniċi strutturati.

Għalhekk, il-Polonja mhux qed tistenna li l-kostijiet għall-persuni taxxabli jkunu sinifikanti, speċjalment meta mqabbla mal-benefiċċji li se jiksbu mill-introduzzjoni tal-mudell ta' fatturazzjoni elettronika. Il-Polonja tqis li l-persuni taxxabli se jiksbu benefiċċji sinifikanti bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika obligatorja, bħal servizz ta' ħżin u arkivjar ta' fatturi pprovdut mill-amministrazzjoni, l-eliminazzjoni tal-ħtieġa li l-fatturi jiġu fuq karta u li jiddaħħlu b'mod manwali f'sistemi kontabilistiċi, it-tnaqqis tal-iżbalji minħabba l-awtomatizzazzjoni tal-proċess kontabilistiku jew iż-żieda fil-veloċità tal-iskambju ta' *data* bejn l-imsieħba fin-negozju. Benefiċċji oħra se jkunu s-simplifikazzjoni tal-obbligi tat-taxxa u tar-rapportar, bħad-dikjarazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet rikapitolattivi mimlija minn qabel, it-tnaqqis fl-għadd ta' verifiki u spezzjonijiet imwettqa mill-awtorità tat-taxxa u rifużjonijiet tal-VAT aktar mgħaġġla.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma hija se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja sabiex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 218 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-5 ta' Awwissu 2021, il-Polonja talbet awtorizzazzjoni sabiex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 218, 226 u 232 tad-Direttiva 2006/112/KE biex tintroduċi fatturazzjoni elettronika obligatorja għat-tranżazzjonijiet kollha mwettqa minn persuni taxxabli li jeħtieġu l-ħruġ ta' fattura. L-awtorizzazzjoni ġiet mitluba għal perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2026.
- (2) Il-Kummissjoni għaddiet it-talba li saret mill-Polonja lill-Istati Membri l-oħra permezz tal-ittri datati l-21 ta' Ottubru 2021. Permezz tal-ittra datata t-22 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lil Polonja li hija kellha l-informazzjoni neċċessarja kollha sabiex tikkunsidra t-talba.
- (3) Permezz tal-ittra datata t-8 ta' Frar 2022, il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li d-deroga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112/KE ma hijiex meħtieġa u li l-ambitu tal-miżura mitluba jkun limitat għal persuni taxxabli stabbiliti fit-territorju tal-Polonja.
- (4) Il-Polonja tistqarr li rekwiżit ġeneralizzat għal fatturazzjoni elettronika obligatorja se jipprovi benefiċċji fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). Dak ir-rekwiżit, flimkien mat-trażmissjoni ta' *data* addizzjonali dwar it-tranżazzjonijiet, se jtejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet analitiċi tal-awtorità tat-taxxa tal-Polonja, u b'hekk se jippermettilha tivverifika b'mod awtomatiku l-konsistenza bejn il-VAT iddikjarata u mħallsa u se jippermetti verifika aktar akkurata tat-talbiet għal rifużjoni tal-VAT sottomessi mill-kontribwenti. Barra min hekk, dan se jikkomplementa miżuri oħrajn immirati lejn il-ġlieda kontra l-frodi u l-evazzjoni tal-VAT u biex tiġi mmodernizzata s-sistema tal-VAT, bħall-Fajl tal-Awditjar Uniku għall-finijiet tal-VAT, il-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum², is-sistema għall-analiżi

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Introdott fil-Polonja wara l-awtorizzazzjoni mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/310 (ĠU L 51, 22.2.2019, p. 19).

elettronika tal-flussi finanzjarji jew is-sistema ta' reġistru tal-flus fiskali online għall-monitoraġġ tas-settur tal-bejgħ bl-imnut.

- (5) Il-Polonja tqis li l-fatturazzjoni elettronika obligatorja se tippermetti għadd ta' faċilitazzjonijiet għall-persuni taxxabli biex tiġi ssimplifikata l-konformità mal-obbligi tagħhom, bħall-mili minn qabel tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u d-dikjarazzjonijiet rikapitolattivi jew ir-rifużjonijiet tal-VAT aċċellerati. Il-fatturazzjoni elettronika se tipprovdi vantaġġi lil persuni taxxabli, bħal servizz ta' ħżin u arkivjar ta' fatturi pprovdut mill-amministrazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi kontabilistiċi. Skont il-Polonja, il-kostijiet li l-persuni taxxabli jkollhom iġarrbu biex jadattaw is-sistemi tagħhom għall-fatturazzjoni elettronika ma humiex mistennija li jkunu sinifikanti, speċjalment meta mqabbla mal-benefiċċji li se jiksbu mill-introduzzjoni tal-mudell ta' fatturazzjoni elettronika. Sabiex tgħin f'dak l-adattament, il-Polonja stabbiliet fatturazzjoni elettronika volontarja, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dik obligatorja. Flimkien ma' dan, jiġu pprovduti għodod bla hłas biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit tal-fatturazzjoni elettronika obligatorja u ssir kampanja ta' informazzjoni estensiva bil-għan li l-kontribwenti jsiru familjari mar-regoli l-ġodda tal-VAT dwar il-fatturazzjoni elettronika obligatorja.
- (6) Minħabba l-ambitu wiesa' u n-natura ġdida tal-miżura speċjali, huwa importanti li jiġi evalwat l-impatt tagħha fuq il-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT u fuq il-persuni taxxabli. Għalhekk, jekk il-Polonja tqis li l-estensjoni tal-miżura speċjali hija neċessarja, jenħtieġ li hija tippreżenta lill-Kummissjoni, flimkien mat-talba għal estensjoni, rapport li jinkludi l-valutazzjoni tal-miżura speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-effettività tagħha fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT u fis-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxa.
- (7) Jenħtieġ li din il-miżura speċjali ma taffettwax id-dritt tal-konsumatur li jirċievi fatturi fuq karta f'każ ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.
- (8) Il-miżura speċjali hija proporzjonata għall-oġettivi segwiti. Barra minn hekk, il-miżura speċjali ma tagħtix lok għal riskju li l-frodi titmexxa lejn setturi oħra jew lejn Stati Membri oħra.
- (9) Il-miżura speċjali mhux se jkollha effett negattiv fuq l-ammont globali tal-introjtu mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jinġabru mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 218 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Polonja hija awtorizzata taċċetta fatturi li jkunu nħarġu minn persuni taxxabli stabbiliti fit-territorju tal-Polonja fil-forma ta' dokumenti jew messaġġi biss jekk dawk id-dokumenti jew il-messaġġi jiġu ttrasferiti f'format elettroniku.

Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 232 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Polonja hija awtorizzata tipprovdi li l-użu ta' fatturi elettroniċi maħruġin minn persuni taxxabli stabbiliti fit-territorju tal-Polonja ma għandux ikun soġġett għal aċċettazzjoni mir-riċevitur.

Artikolu 3

Il-Polonja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri nazzjonali li jimplementaw id-derogi msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta April 2023 sal-31 ta' Marzu 2026.

Jekk il-Polonja tqis li l-estensjoni tad-derogi msemmijin fl-Artikoli 1 u 2 tkun neċessarja, il-Polonja għandha tippreżenta talba għal estensjoni lill-Kummissjoni, flimkien ma' rapport li jivvaluta kemm il-miżuri nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 3 kienu effettivi fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tal-VAT u fis-simplifikazzjoni tal-ġbir tal-VAT. Dak ir-rapport għandu jevalwa l-impatt ta' dawk il-miżuri fuq il-persuni taxxabbli u, b'mod partikolari, jekk dawk il-miżuri jżidux il-piżijiet amministrattivi u l-kostijiet tagħhom.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja .

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*